# Il-Kapitlu ta' l-1913 u l-Oratorju

Fl-Awla Kapitulari hemm ritratt tal-Kapitlu fl-1913 meta kienet iżżanżnet il-mazza, ġieħ ieħor li kien għadu kif ingħata s-sena ta' qabel. Ħafna mill-membri tal-kapitlu kif miġbur f'dar-ritratt, għandhom rabtiet mill-qrib sew ma' l-Oratorju tagħna. Kien l-istess Kapitlu li tliet snin qabel, fis-26 ta' Frar, taw b'ċens perpetwu l-art li fuqha kellu jinbena l-Oratorju, lill-fundatur tiegħu, in-nutar M.L. Casolani - wara li diġà kienet ingħatat b'ċens lil ħaddieħor u dan ċedih.

Kien il-Kan. Mikiel Sammut (ir-raba mix-xellug, wara nett) li ħabrek biex jinbena l-Oratorju u kompla jaħdem fih sa tmiem ħajtu fl-1927. Kien ukoll il-Prepostu Alfons Borg (bil-qiegħda fin-nofs), li bħala kap tal-parroċċa u delegat ta' l-isqof, qiegħed l-ewwel ġebla ta' l-Oratorju nhar it-23 ta' Marzu 1910, biex b'hekk ra titwettaq opra importanti għall-edukazzjoni nisranija tas-subien Karkariżi, barra oħrajn artistiċi li saru fil-kolleġġjata nnifisha fi żmienu.

Il-Kan. Lawrenz Sammut (wara nett, fin-nofs), magħruf mill-anzjani bħala 'tal-mitħna', billi l-familja tiegħu kellhom il-mitħna li kien hemm fid-dar quddiem l-Oratorju, fejn hu stess kien joqgħod. Kien twieled fl-1872 u sar saċerdot fl-1898. Kien ikun fl-Oratorju biex jagħti sehem fit-treġija tat-tfal, u nhar ta' Sibt kien joqgħod għall-qrar, billi dawn kienu jitilqgħu apposta fl-Oratorju.

Fiż-żmien li kien hemm il-Freres, wara d-duttrina fil-għaxijiet kien jagħti l-Barka Sagramentali, ħaġa li baqa' jagħmel ukoll wara li dawn ħallew l-Oratorju. Ġieli kien jiftaħ u jagħlaq l-Oratorju hu, speċjalment meta ma kienx ikun jista' Dun Mikiel Sammut, id-direttur effettiv. Jekk wara l-logħob kien ikun hemm xi tifel li jipprova jiskarta d-duttrina jew it-talb fil-kappella, kien ikun aħrax miegħu u jdaħħlu lura l-Oratorju 'minn widintu'.

*jkompli f'paġna 10*



*jaqbad minn paġna 8*

Baqa' jagħti sehmu wkoll meta l-Oratorju għadda f'idejn is-Soċjetà ta' San Pawl, u kien iqarar lill-istudenti ta' l-Edukandat li Mons. De Piro kien waqqaf fil-post. Miet fl-1942.

Il-Kan. Pietru Charbon (it-tielet mix-xelluq fil-filliera tan-nofs, apparti l-mazzier) twieled fl-1865. Katekisti anzjani u oħrajn li kienu tfal fl-ewwel snin ta' l-Oratorju, jiftakruh jitla' jagħmel xi xogħol ta' l-injam għall-post stess. Miegħu kien ikollu xi ġuvnotti biex jgħinuh u fl-istess ħin jitgħallmu. Huwa u telgħin l-Oratorju kien jieqaf jixtri l-ħobż frisk, li flimkien ma' xi ġbejna, kien jagħti lil dal-ġuvnotti waqt li jkunu jaħdmu fl-oratorju.

Jingħad li l-ġenb tat-tinda li kienet isservi ta' sala jew tejatrina fl-Oratorju, li n-naħa tal-bitħa kien miftuħ, ingħalaq bl-injam daż-żmien. Lilu huma attribwiti wkoll il-pultruna u l-banketti tal-kewkba li hemm fuq l-altar u li kienu jintużaw biss fil-festivitajiet. Kien jgħallimhom ukoll id-disinn. Miet fl-1934.

Kanonku ieħor li ta kontribut fl-Oratorju kien il-Kan. Pawlin Busuttil (it-tieni mix-xellug bil-qiegħda). Twieled fl-1878 u sar saċerdot fl-1907. Huwa kien fost l-ewwel qassisin-operaturi ta' l-Oratorju fil-bidu tiegħu. Il-ħidma ta' dan is-saċerdot fil-qasam tat-tagħlim nisrani ma waqfitx hawn, għax insibuh direttur ta' l-istitut għat-tagħlim nisrani lill-bniet li kien twaqqaf fil-knisja ta' San Pawl tal-Wied fl-1920. Kien ukoll direttur spiritwali fl-iskola primarja tas-subien ta' Birkirkara. Fis-snin tletin kien għadu midħla ta' l-Oratorju. Miet fl-1943.

Kien hemm ukoll il-Kanonku Alwiġ Debono li ta sehmu fil-ħidma fl-Oratorju (jidher it-tieni mil-lemin, bil-qiegħda). Twieled fl-1857 u ordna saċerdot fl-1886. Ħadem fl-Oratorju kif insibu attestat fl-'Annuario della Diocesi' ta' l-1933. Jiġifieri hu wkoll kien baqa' midħla ta' l-Oratorju wara li dan kien għadd f'idejn is-Soċjetà ta' San Pawl. Miet fl-1937.

Ma' dawn, għalkemm mhux fl-istess grupp li jidher fir-ritratt, irridu nżidu kanonku ieħor tal-kolleġġata Elenjana li kien ħadem ħafna għall-Oratorju. Dan kien il-Kan. Ġużepp Sammut, ħu l-Kan. Mikiel Sammut li diġà semmejna. Twieled fl-1891 u ordna saċerdot fl-1915.

Kien għadu seminarista meta kien jitla' jgħin lil ħuh Dun Mikiel fl-Oratorju. Wara li telqu l-Freres mill-Oratorju fl-1916, kien jitla' jgħinu aktar minn qabel, hekk li għal bosta, huwa kien qisu d-direttur, għax hu l-aktar li kien jidher fl-Oratorju, peress li Dun Mikiel kien beda jinħakem mill-mard.

Baqa' jitla' jaħdem fl-Oratorju wkoll wara li għadda għand is-soċjetà ta' San Pawl fl-1927. Kien iqarar, iqaddes u fit-treġija tat-tfal ta' dik il-ħabta li jiftakruh aktar serju minn ħuh u ma tantx jiċċajta. Oħrajn jiftakru li l-aħwa kanoniċi Sammut kienu jieħdu lis-subien ta' l-Oratorju, xi lariġ, mandolina u luminċell minn ġnien li kellhom. Dun Ġużepp miet fl-1944.

Nota żgħira ta' l-aħħar imma kurjuża. Wara l-Kapitlu fir-ritratt fuq il-lemin tidher il-pittura ta' Dun Perin Borg, it-tieni fost il-fundaturi tal-kolleġġjata ta' Birkirkara. Ta' min jgħid li l-art li fuqha mibni l-Oratorju llum, oriġinarjament kienet parti mill-fundazzjoni li kien għamel dan l-istess kanonku.